**KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA**
**Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika**

**APPLIKAZZJONI GHAD-DHUL FL-ISKEJJELTAL-KNISJA F'GĦAWDEX**
**FI KLASSI KINDER 1 GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2018-2019**

**N.B. lt-tfal iridu jkunu twieldu fl-2015**

1. Il-formoli tal-applikazzjoni għal Kinder 1, mimlija kif suppost u bid-dokumenti meħtieġa magħhom, iridu jiġu **ppreżentati l-Kurja**, ir-Rabat, Għawdex, mit-Tnejn 8 sal-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018 (minbarra l-Ħamis) bejn it-8.30am u nofsinhar.

2. Għas-sena skolastika 2018-2019, in-**numru massimu ta' tfal Subien u Bniet** li jiġu ammessi f'Kinder 1 fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex huwa ta' 104, mqassma sa massimu ta' 26 student/a f'kull skola tal-Kindergarten tal-Knisja.

3. L-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex li jilqgħu tfal fil-Kinder 1 huma:
   **a.** l-iskola primarja *Konservatorju tal-Isqof* (ir-Rabat);
   **b.** l-iskola primarja *Laura Vicuna*, tas-Sorijiet Salesjani (il-Kinder tinsab ir-Rabat, filwaqt li l-Primarja tinsab l-Għasri);
   **c.** l-iskola primarja *Saint Francis*, tas-Sorijiet Franġiskani, ir-Rabat (bi ftehim mal-Kap tal-Iskola, xi studenti jistgħu jattendu l-Kinder 1 u 2 fl-iskejjel Franġiskani fin-Nadur u x-Xagħra. Minn hemm, dawn l-istudenti jgħaddu għall-ewwel sena tal-primarja fl-iskola tar-Rabat);
   **d.** l-iskola primarja *Saint Theresa*, tas-Sorijiet Karmelitani (Ta' Kerċem).

4. It-tfal li jidħlu fil-Kinder 1 fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex għandhom id-dritt, jekk iridu, li jkomplu telgħin fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù (fil-każ ta' subien) u fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof (fil-każ ta' bniet).

4.1. **L-iskejjel tas-St Francis fin-Nadur u x-Xagħra**
   **a.** Il-ġenituri li jagħżlu li jibagħtu lil uliedhom f'dawn iż-żewġ skejjel bl-intenzjoni li jgħaddu għall-ewwel sena tal-primarja fi skola differenti, ma jimlewx din il-formola tal-applikazzjoni komuni imma l-formola 'Applikanti St. Francis Nadur/Xagħra', li fiha jiddikjaraw li mhux se jkomplu fil-Year 1 fis-St. Francis ir-Rabat. Dawn jiġu ammessi f'dawn l-iskejjel mingħajr il-ħtieġa tal-polza, sakemm ikun hemm post.
   **b.** Sakemm ikun hemm post, f'dawn l-iskejjel jistgħu jidħlu studenti oħra li ma jkunux telgħu bil-polza, imma dawn ukoll iridu jimlew din il-formola 'Applikanti St. Francis Nadur/Xagħra'.

5. Il-**Kriterji tad-Dħul** huma:
   **a.** Tfal mid-Djar tal-Knisja;
   **b.** Aħwa fl-istess skola;
   **c.** Tfal tal-impjegati fl-istess skola jew kumpless skolastiku;
   **d.** Tal ta' impjegati tas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija u (fil-każ ta' Għawdex) tfal ta' impjegati fl-iskola Seminarju Minuri:

**e.** Mhux aktar minn tifel wieħed u tifla waħda f'kull skola b'każ serju (fil-każ tal-iskejjel tas-Sorjiet Franġiskani, tifel wieħed u tifla waħda hi mifhuma għall-iskejjel kollha flimkien);

**f.** (Jekk ikun il-każ) 3 studenti li għandhom residenza fiżika fl-Għasri, li ma jidħlux fil-kategoriji ta' hawn fuq, għandhom dritt jidħlu fl-iskola Laura Vicuna;

**g.** Applikanti oħra bil-polza.

6. Biex tapplika taħt il-**Kriterju tal-Aħwa** jrid ikollok tifel/tifla jattendu l-istess skola jew kumpless skolastiku matul din is-sena skolastika 2017-2018.

7. Dawk li japplikaw taħt il-kriterju tal-aħwa u jkunu aċċettati skont il-*Policy* tas-Segretarjat, ikollhom post riservat f'dik l-iskola. Dawk li, għalkemm bl-aħwa, il-ġenituri/it-tuturi jkunu jippreferu skola differenti minn fejn ikun imur it-tifel/tifla l-oħra, jitqiegħdu wkoll fil-polza.

8. Biex wieħed japplika taħt il-**Kriterju ta' Impjegati**, il-ġenituri jridu jkunu jaħdmu *full-time* u jkunu ilhom sena sħiħa impjegati fl-iskola konċernata.

9. Dawk li japplikaw bħala **impjegati tas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Kattolika jew tas-Seminarju Minuri** għandhom dritt idaħħlu lil uliedhom mingħajr il-polza f'waħda mill-iskejjel imsemmija, imma wara li jkunu ġew assenjati l-ewwel il-postijiet tad-dħul skont il-kriterju tal-aħwa u ta' wlied l-impjegati fl-istess skejjel, u dejjem skont id-disponibilità li jibqa' fl-iskejjel.

10. Il-kriterji għad-dħul li japplikaw għal **Każijiet Serji** (jiġifieri, tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.A., każijiet soċjali u każijiet ta' refuġjati) huma dawk deċiżi mis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Kattolika. Min ma japplikax taħt il-Kriterju ta' Każijiet Serji jkun qed jiddikjara li t-tifel/tifla m'għandhom ebda bżonn ta' għajnuna jew attenzjoni speċjali fil-klassi. **Għaldaqstant dawk li jitilgħu mill-polza ġenerali u jinstab li għandhom bżonn għajnuna jew attenzjoni speċjali jistgħu jitilfu d-dritt li jitqiegħdu u/jew joqogħdu fl-iskola fejn ikunu daħlu.**

11. **Għal kull tifel/tifla** trid timtela formola waħda biss. Fil-każ ta' **tewmin,** trid timtela formola għal kull tifel/tifla. Fil-polza, meta jitla' wieħed/waħda mit-tewmin, awtomatikament jidħlu t-tewmin aħwa l-oħra fl-istess skola. Dan japplika meta jkun hemm post vakanti iżda ma jistax japplika f'każijiet serji għaliex il-postijiet ta' dawn il-każijiet ikunu qed jimtlew skont il-poloz tagħhom.

12. F'din l-applikazzjoni, minbarra l-informazzjoni ġenerali, trid timla wkoll **il-preferenza tal-iskola** li tixtieq. **Niżżel biss l-ewwel preferenza**, jiġifieri fejn tixtieq li t-tifel/it-tifla jiffrekwentaw il-Kinder 1. F'każ li tindika preferenzi oħra, dawn ma jiġux ikkunsidrati għall-polza.

13. Id-**dokumenti meħtieġa** mal-applikazzjoni huma:

**a.** Ċertifikat tat-Twelid tar-Reġistru Pubbliku tat-tifel/tifla (oriġinali – mhux fotokopja);

**b.** Il-Karta tal-Identità tal-missier jew l-omm tat-tifel/tifla (m'hemmx bżonn fotokopja);
**c.** Ċertifikat tat-Twelid tal-aħwa jekk qed tapplika taħt il-Kriterju tal-Aħwa;
**d.** Dikjarazzjoni mid-Direttur tad-Djar tal-Knisja li tiċċertifika li t-tifel/tifla huma residenti fid-Dar jekk qed tapplika taħt il-kriterju ta' tfal mid-Djar tal-Knisja;
**e.** Dikjarazzjoni mill-Kap tal-iskola li tikkonferma l-impieg għal min japplika taħt il-kriterju tal-impjegati;
**f.** Dikjarazzjoni ffirmata minn ġenitur u l-Kap tal-iskola jekk qed tapplika taħt il-kriterju tal-aħwa;
**g.** Dokumenti u/jew ċertifikati rilevanti li jispjegaw il-każ jekk qed tapplika taħt il-Kriterju ta' Każijiet Serji;
**h.** Fejn il-ġenituri huma separati jew fil-każ ta' tuturi, meħtieġ dokument legali li jindika l-kustodja tat-tifel/tifla.

**14. Il-Polza**

L-għażla tat-tfal li ma jidħlux b'wieħed mill-kriterji msemmija (fin-numru 5) issir bil-polza. L-ewwel issir polza għal kull skola skont l-għażla tal-ewwel preferenza. Jekk f'xi skola jkun hemm inqas talbiet mill-postijiet disponibbli, dawk it-tfal li jkunu applikaw għal dik l-iskola bħala l-ewwel preferenza, jidħlu awtomatikament fl-iskola tal-ewwel preferenza tagħhom. F'każ li skola jkollha aktar talbiet milli postijiet disponibbli, dawk li ma jitilgħux bil-polza jitqiegħdu f'Lista ta' Stennija *(Waiting List)*, valida sa April 2019. F'każ li jinqala' xi post disponibbli f'xi skola partikulari, tiġi kkuntattjata l-persuna li jkun imiss fil-Lista ta' Stennija (tal-ewwel polza) għal dik l-iskola. (F'każ li ma jkunx fadal aktar studenti fil-Lista ta' Stennija ta' dik l-istess skola, jissejħu dawk li jkunu fil-Lista ta' Stennija tat-tieni polza skont ir-*ranking order*.)

Imbagħad, it-tfal li ma jidħlux bl-ewwel polza fl-iskola tal-ewwel preferenza tagħhom, jitqiegħdu f'polza ġdida (it-tieni polza) biex, jekk ikun il-każ, ikollhom il-possibilità jmorru fi skola oħra fejn ikun hemm il-vojt. Din it-tieni polza mhix marbuta mal-għażla tal-ewwel preferenza, imma skont ir-*ranking order* tal-istess polza (**it-tieni polza**). Anke hawn, jekk ikun il-każ, issir Lista ta' Stennija, valida sa April 2019. Meta jkun hemm post vojt f'xi skola li mhix tal-ewwel preferenza, tiġi kkuntattjata l-persuna li jkun hemm fir-*ranking order*. F'każ li din tirrifjuta, tiġi kkuntattjata l-persuna li jmiss.

**Tagħrif ieħor:**

15. Il-ġenituri li jagħżlu li wliedhom jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja jkunu qed jiddikjaraw li wliedhom se jsegwu l-*ethos* tal-iskejjel tal-Knisja, it-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika bħala suġġett akkademiku u l-attivitajiet reliġjużi tal-programm skolastiku.

16. Il-ħlas għall-applikazzjoni hu ta' €7; dan qed jintalab biex ikopri l-ispejjeż tal-istampar u tal-uffiċċju.

17. It-**tlugħ bil-polza** jsir fis-Sala tas-Seminarju, Rabat, Għawdex nhar it-Tnejn 5 ta' Marzu 2018, fl-10.00 a.m. Wara s-6 ta' Marzu 2018, fuq in-*notice boards*

tal-Kurja, Għawdex jiġu ppubblikati l-listi tat-tfal skont kif ikunu telgħu bil-polza wara xulxin. Dawn il-listi jdumu aċċessibbli sal-aħħar tal-istess xahar.

18. Ma tingħata ebda informazzjoni fuq it-telefon.

19. Dawk li japplikaw wara d-data tal-għeluq, jitqiegħdu fil-Lista ta' Stennija tat-tieni polza wara l-applikazzjonijiet l-oħra kollha.

20. Kull informazzjoni li int tagħti lill-Bord tad-Dħul dwarek u dwar it-tifel / tifla tiegħek u li skont l-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi. Aktar tagħrif dwar il-Protezzjoni tad-Data jista' jinkiseb mill-websajt: www.thechurchinmalta.org.

21. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.